

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPOL COPPS/1/2010**tal-21 ta' Diċembru 2010****li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)**

(2010/796/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/784/PESK tas-17 ta' Diċembru 2010 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni 2010/784/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huwa awtorizzat, b'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u jieħu t-tmexxija strateġika tal-Missjoni EUPOL COPPS, inkluża b'mod partikolari d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Ġiet proposta, mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, estensjoni tal-mandat tas-Sur Henrik MALMQUIST bħala l-Kap tal-Missjoni EUPOL COPPS,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Henrik MALMQUIST bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika sat-31 ta' Diċembru 2011.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

W. STEVENS

⁽¹⁾ ĠU L 335, 18.12.2010, p. 60.